Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/18*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 18 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju, 2014 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-17

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Offerta - Għoti ta' wiċċ ġdid bil-konkos u xogħlijiet relatati fi Triq tal-Gallina

*F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara li għandu interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni dwar l-offerta 'Għoti ta' wiċċ ġdid bil-konkos u xogħlijiet relatati fi Triq Gallina'.*

Is-Sindku qara r-rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni dwar din l-offerta. Il-Bord irrakkomanda li għandha tiġi aċċettata l-aktar offerta vantaġġjuża u li hija ta' Peter Paul Said. Din l-offerta hija skond il-kundizzjonijiet u speċifikazzjonijiet tad-dokument tal-istess offerta. Il-Bord ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel sorveljenza waqt li jkunu qed isiru ix-xogħlijiet biex jiġi żgurat li l-materjal użat ikun skond dak mitlub fl-offerta. Il-Bord għamel referenza b'mod partikulari għal grad tal-konkos (C25) biex jiġi aċċertat li l-kuntrattur jagħmel dan it-tip ta' konkos u mhux konkos ta' xi grad anqas. Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jaċċetta din l-offerta u kif rakkomandat mill-Bord għandhom isiru t-testijiet kollha neċessarji biex jiġi żgurat li l-materjal u anke x-xogħol konness ma' din l-offerta isir kollu skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta. Il-Perit John Saliba li huwa l-contract manager dwar din l-offerta se jiġi mitlub jagħmel sorveljanza tax-xogħol kollu li jkun qed isir. Il-

Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku għalhekk l-offerta ta' Peter Paul Said qed tiġi aċċettata. Ser isiru l-arranġamenti biex jiġi iffirmat il-kuntratt u b'hekk ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet.

**4. Offerta - Hire of Plant and Machinery**

*F'dan il-ħin il-Viċi Sindku iddikjara li għandu interess pekunjarju u għalhekk ma ħax sehem f'din id-diskussjoni dwar l-offerta 'Hire of Plant and Machinery'.*

Fil-kaxxi tal-offerti sal-ħin tal-egħluq intefgħu żewġ offerti għal 'Hire of Plant and Machinery'. L-Offerti huma ta' Peter Paul Said u ta' Anthony Mintoff. Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta u innota li r-rati ta' Anthony Mintoff huma kollha aktar vantaġġjużi minn dik ta' Peter Paul Said ħlief r-rata dwar il-kiri ta' kompressur. Il-Kunsill qabel li għalhekk l-offerta ta' Anthony Mintoff għandha tiġi aċċettata għar-raġuni li hija l-aktar offerta vantaġġjuża u anke skond il-kundizzjonijiet u speċifikazzjonijiet tad-dokument tal-istess offerta. Ser isiru l-arranġamenti biex jiġi iffirmat il-kuntratt u b'hekk ikunu jistgħu jibdew ix-xogħlijiet.

**5. Korrispondenza**

5.01 Memo 15/2014 – Posta Elettronika tal-Membri tal-Kunsilli Lokali. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri kollha qablu li għandhom ineħħu l-posta elettronika tal-gov u jużaw dik personali.

5.02 Memo 16/2014 – Performance Management and Indicators

5.03 Memo 17/2014 – Streaming tal-Laqgħat online u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-Internet. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw għall-fondi minn din l-iskema

5.04 Memo 18/2014 – Korrispondenza mibgħuta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali

5.05 Memo 19/2014 – Skart mormi illegalment

5.06 Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali informa lill-Kunsilli dwar proġett biex jeħlu tabelli li jindikaw postijiet ta' interess.

5.07 Joe Mifsud Chairman tal-Kumitat biex jikkordina l-attivitajiet fi żmien il-Milied f'Għawdex maħtur mill-Ministeru Għal Għawdex talab informazzjoni dwar attivitajiet li jsiru f'dawn iż-żminijiet.

5.08 B'referenza għal Memo 4/2014 dwar l-iskema ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta ta' librerija lokali id-Direttur għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni ġiet aċċettata. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandna nixtru b'kemm jiswew €1,200 kotba biex jitpoġġew fil-librerija. Il-Kunsill jieħu lura minn għand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nofs is-somma li jonfoq u għalhekk sa massimu ta' €600. Il-Kunsill qabel li l-librara Marvic Attard Briffa tieħu ħsieb biex tixtri dawn il-kotba.

5.09 Il-Kunsill irċieva protest ġudizzjarju minn għand l-Av. Alfred Grech f'isem Philip Bonello dwar kontravenzjonijiet li kien hemm fuq karozza li huwa xtara permezz ta' subbasta. Is-Sindku spjega li l-protest ġudizzjarju mhux lill-Kunsill irid isir iżda lill-Kumitat Konġunt.

5.10 Il-Kunsill irċieva l-istima minn għand l-Enemalta biex teħel lampa ġdida kif mitlub minn Francis Portelli fi Triq Wied Sara. L-istima biex l-Enemalta jgħaddu l-linja tad-dawl hija ta' €724. Dwar il-proposta li kienet saret biex il-lampa teħel aktar qrib ta' lampa oħra eżistenti u b'hekk ma jkunx hemm spejjeż tal-linja tad-dawl, is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien iċċekkja ma' sid il-proprjeta ta' dawn l-inħawi u kien qallu li ma jridx li teħel lampa f'dawn l-inħawi. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li jekk Francis Portelli joħroġ l-ispejjeż involuti biex teħel din il-lampa l-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni li issir mal-arblu tal-Enemalta li hemm mal-garaxx tiegħu. Francis Portelli se jiġi infurmat dwar dan u meta jagħmel il-ħlas din il-lampa tiġi proċessata biex tkun installata u konnettjata.

5.11 Sandra u Salvu Felice Pace irringrazzjaw lis-Sindku u l-Kunsill tal-koperazzjoni biex waqt it-tiġrijiet taż-żwiemel organizzati mill-Kunsill saret tiġrija iddedikata għad-debba tagħhom Sugar li ilha aktar minn 25 sena tgħix f'dan ir-raħal. Fil-fatt saret Challenge Cup li issemmiet Sugar Cup. Fuq il-gazzetta Times of Malta tat-Tnejn 16 ta' Ġunju 2014 deher ukoll artiklu dwar din l-okkażżjoni.

5.12 Il-Perit Audrey Testaferrata De Noto ta' Transport Malta infurmat lill-Kunsill li l-proposti tat-traffiku dwar sinjali sofor (double yellow lines) fi Triq il-Fanal ġew approvati.

5.13 Gail Gafa ta' Ozone Centre kienet infurmat lill-Kunsill dwar sistema ta' telefon b'rati vantaġġjużi. Il-Kunsill kien iddiskuta dan is-suġġett fl-aħħar laqgħa ukoll. Il-Kunsill issa irċieva wkoll offerta minn għand Go plc. L-offerta ta' Go hija waħda vantaġġjuża ħafna u għalhekk il-Kunsill qabel li nibqgħu nirċievu dan is-servizz minn għand Go plc bir-rati ta' din l-offerta.

**6. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-18 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**7. Materja oħra**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kellu diversi ilmenti dwar il-Bring in Sites u għalhekk ippropona li jitneħħew u jinstab post ieħor. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom jitneħħew qabel ma jinstab post alternattiv fejn jistgħu jitpoġġew. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandhom isiru proposti fejn jistgħu jitpoġġew dawn il-Bring in Sites u b'hekk ikun jista' jinbeda l-proċess biex jitneħħew minn fejn huma fil-preżent. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna niktbu lill-Greenmt biex ninfurmawh b'dawn l-ilmenti.

7.02 Is-Sindku ippropona sabiex parti mill-ħajt fi Triq Wied Sara jitranġa peress li qiegħed fil-periklu li jiġġarraf. Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ. Jekk ikun hemm bżonn ta' ġebel u materjal ieħor jinxtara mill-Kunsill.

7.03 John Gatt miż-Żebbuġ u li għandu għalqa fl-inħawi ta' Triq il-Knisja talab lill-Kunsill sabiex ineħħi t-terrapien li kien tħalla meta kien qed jinbena ħajt f'dawn l-inħawi mill-ħaddiema tal-Gvern. Il-Kunsill qabel li għandu jitneħħa dan it-terrapien. Ix-xogħol ser isir minn Anton Mintoff.

7.04 Joe Bonello mill-Għarb u li għandu għalqa fl-inħawi ta' Triq ta' Għammar talab biex jitranġa l-aċċess għall-għalqa tiegħu. Huwa talab li jingħata ftit konkos u jmur ħaddiem wieħed jgħinu biex jagħmlu ix-xogħol meħtieġ flimkien. Il-Kunsill qabel li jitranġa l-aċċess għal din l-għalqa.

7.05 Joseph Zammit mill-Għarb talab sabiex jitranġa ħajt li hemm fi Sqaq fi Triq il-Ġonna. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jmur fuq il-post biex jara x'hemm bżonn li jsir.

7.06 Anthony Cini ta' Triq Salvu Gambin talab biex titranġa t-triq quddiem il-garaxx tiegħu peress li din il-parti niżlet u kawża ta' hekk ma jkunx jista' jdaħħal jew joħroġ il-karozza għax il-qiegħ tal-karozza qed jaħbat mal-art. Il-Kunsill qabel li s-Sindku flimkien mal-kuntrattur Anton Mintoff għandu jmur fuq il-post biex jara xi problema hemm u x'xogħol hemm bżonn isir.

7.07 Rose Sultana ta' Triq il-Knisja talbet sabiex is-sinjali sofor li hemm fi Triq Salvu Gambin kantuniera ma' Triq il-Knisja jitwalu madwar tlett metri oħra. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta. Il-Kunsill qabel li għandha tinkiteb 'Slow' oħra fi Triq Salvu Gambin u b'hekk minn ikun ġej minn din it-triq inaqqas mill-veloċita.

7.08 Kif isir ta' kull sena l-Kunsill qabel li mit-30 ta' Ġunju 2014 nibdew is-servizz ta' trasport lejn il-Qbajjar u lura. Dan ser ikun kull nhar ta' Tnejn fl-4.00pm u lura fis-6.45pm. Dan is-servizz jibqa' għaddej kull nhar ta' Tnejn sakemm it-temp ikun jippermetti.

7.09 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ma kienx possibbli li napplikaw għall-fondi taħt Measure 413 Landscaping. Dan għar-raġuni li biex tapplika irid ikollok il-permessi diġa maħruġa mill-Mepa. Is-Sindku informa lill-Kunsill li diġa kellem lill-Perit Saliba sabiex jagħmel applikazzjonijiet għal permessi fi Triq Wied L-Għasri u Triq il-Knisja biex meta jerġa' ikun hemm applikazzjonijiet il-Kunsill ikun eliġibbli biex japplika.

7.10 Is-Sindku ippropona li norganizzaw ħarġa għal Splash And Fun. Il-Kunsill qabel li norganizzaw din l-attivita. Il-Kunsill qabel ukoll li l-prezz għandu ikun sussiddjat.

7.11 Il-Kunsillier Joseph Farrugia ippropona li norganizzaw ħarġa madwar Għawdex fuq Calypso Trains. Il-Kunsill qabel li norganizzaw din l-attivita. Il-Kunsill qabel ukoll li l-prezz għandu ikun sussiddjat.

7.12 Is-Sindku ippropona li flimkien ma' irħula oħra tal-viċin norganizzaw korsijiet edukattivi matul is-sajf. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk is-Sindku se jieħu ħsieb biex jikkuntattja lill-Kunsilli taż-Żebbuġ u l-Għarb u jiddiskutu dwar din il-possibilta. Fil-passat kienu jsiru korsijiet iżda peress li ta' kull sena qed tiġi organizzata Skola Sajf mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni ikun diffiċċli li torganizza korsijiet oħra.

7.13 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Mario Mizzi ippropona li jinħatar Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku se jikkordina mal-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ sabiex ikun jista' jitwaqqaf dan is-Sotto Kumitat.

7.14 Is-Sindku informa lill-Kunsill li irċieva ilmenti dwar il-ħajt li hemm fil-bidu ta' Triq l-Għasri fejn tispiċċa Triq Dun Karm Caruana. Is-Sindku qal li ftit tax-xhur ilu waqt maltempata parti mill-istess ħajt waqgħet u fortunatament ma inzerta għaddej ħadd u għalhekk ħadd ma weġġa'. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ biex jitneħħa kull periklu. Il-Kunsill qabel li nitolbu lill-ħaddiema tal-Ministeru biex jagħmlu x-xogħol filwaqt li l-Kunsill jixtri l-ġebel u materjal ieħor li jkun hemm bżonn.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 25 ta' Lulju, 2014 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |